# L-Armar tal-Festa Titulari...

*Minn Mario Camilleri - Delegat għall-Armar*

Il-Festa tar-raħal hija l-okkażjoni fejn jidher l-impenn u d-dedikazzjoni ta' ħafna nies, li volontarjament iqattgħu ġranet sħaħ jaħdmu biex ir-raħal tagħna jkollu festa kif jixraq. Huma nies li ħafna drabi jaħdmu minn wara l-kwinti, joħorġu l-flus u mhux dejjem isib min japprezza xogħolhom.

L-għaqda armar tagħna taħdem is-sena kollha biex tirrestawra u toħloq dekorazzjonijiet ġodda. Din l-għaqda tagħti sehem tagħha biex l-ispirtu tal-festa tradizzjonali mhux talli jmut imma jissaħħaħ. U dan billi ta' kull Sajf tfassal pjan ta' xogħol bit-tama li kollox jitlesta sal-festa ta' wara. F'dak li jirrigwarda l-armar





għall-festa, jekk inħarsu lura u niftakru fi ftit snin ilu, naraw li kemm kien hemm bżonn ta' bidla f'drapp u anke restawr ta' armar. Illum il-ġurnata, permezz ta' l-Għaqda ta' l-Armar nista' ngħid li għamilna passi kbar. L-armar kollu li nħadem sar bi ħsieb u konsultazzjoni. Id-disinni li saru ġew fdati f'idejn Andrew Bugeja u Renzo Gauci. Meta ħadna ħsieb nirrestawraw qagħdna attenti li nimxu fuq id-disinn oriġinali. Dan il-fuljett huwa fdat u maħruġ mill-Kumitat taż-Żgħażagħ. Kemm ilu li twaqqf dan il-Kumitat minn dejjem kien ta għajnuna kbira għall-Għaqda ta' l-Armar, kemm manwali kif ukoll ikkontribuxxew finanzjarjament matul is-snin. L-istess għaqda minn dejjem kienet magħmula minn grupp ta' żgħażagħ li matul dawn l-aħħar snin ħolqu armar ġdid. Għal diversi snin użajna s-sala tal-każin naħdmu fuq pavaljuni u bandalori ġodda. Għaldaqstant nixtieq insemmi x'sar f'dawn l-aħħar snin minn din l-Għaqda. F'dak li jirrigwarda drapp għamilna pavaljuni u bandalori ġodda għal Triq San Bażilju, Triq Karmenu Ciantar, Triq San Innoċenzju, Triq Santa Katerina, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa (żewġ settijiet), Triq Santa Marija, Triq il-Kileb, u d-drapp kollu ġol-pjazza.

F'dak li jirrigwarda injam inħadem Pedestall għall-Papa, erbgħa kolonni







u gastri għal fuqhom mad-dawra taz-zuntier, irrestawrajna erbatax-il pedestall tal-Appostli fejn inbidlu l-važi kollha tagħhom kif ukoll l-iskultura tagħhom u dan l-aħħar tmien trofej il-ġmiel tagħhom għal ġol-pjazza. Matul dawn is-snin saru diversi xogħolijiet oħra bħal restawr fuq l-Appostli, l-anġli ta' triq ta' nofs, din is-sena ġew irrestawrati l-istatwi ta' fuq il-pedestall ta' l-inkoronazzjoni u diversi xogħol ieħor li jinqala' ma' żmien. L-għan ta' din l-Għaqda huwa li nkompu nkabbru il-Festa tagħna, billi b'għaqda bejnietna nkomplu nsebbħu t-triqat prinċipali ta' raħalna u nieħdu ħsieb l-armar antik li b'għożża għamlu u għaddewlna missirijietna.





Din is-sena qegħdin naħdmu fuq proġett ġdid li jinvolvi ħafna xogħol u spejjeż. Fuq dan il-proġett qegħdin jaħdmu Charles Falzon, Michael Ghigo u jiena. Minn hawn nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil dawn iż-żewġ persuni tas-sagrifiċċji kbar li jagħmlu matul is-sena. Nisperaw li sal-festa jkollna parti mill-proġett lest. Nirringrazzja ukoll lil dawk kollha li jgħinuna finanzjarjament u nappella li tibqgħu tikkooperaw magħna anke fil-jiem tal-Festa meta jkun hemm bżonn l-għajnuna ta' kulħadd.



